MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2015

Numru. 1458/2007

**Il-Pulizija**
**Assistant Kummissarju Stephen Gatt**

**V**

**Adrew Spina detentur tal- karta tal-identita’**
**bin-numru 430982M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi **Andrew Spina** li gie akkuzat talli fit-22 ta’ April, 2007, ghall-habta ta’ 2.00 a.m. fi Triq il-Wied ta’ l-Imsida, Msida saq vettura Nru ARN-008 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Peppino Schiavone u Andreas Aquilina skont kif iccertifika Dr Michael Spiteri MD ta’ SLH.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li wara snin li giet intavolata din il-kawza sar id-debita interrogatorju ghal liema l-imputat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji. Rat ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghall-istess.

Rat il-provi kollha u semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi PS 1268 Ivan Caruana xehed li hu mar fuq il-post ta’ l-incident tat-traffiku, ghax fuq hekk si tratta din il-kawza, u hemm sab vettura bin- numru ta’ registrazzoni ARN-008 mahbuta go arblu. Kienet din ta’ ghamla Peugeot. Qal li gol-vettura ma sab lil hadd. Persuna fuq il-post indikatilhom li kemm is-sewwieq kif ukoll il-passiggiera gew mehuda l-isptar. Mar hemm u kellem lix-xufier Andrew Spina. Dan qalilhom li kien skiddja.

PC 1009 John Cassar min-naha tieghu mistoqsi jekk jiftakarx li l-art kienet imxarrba wiegeb fin-negattiv.

L-istess rapport u xhieda rrepetiha PC 520 Karl Diego Lapira li wkoll kien mar fuq il-vettura mahbuta gol-pole.

Min-naha tieghu Peppino Schiavone qal li Andrew Spina kien qed isuq u tilef il-kontroll gewwa l-Imsida. Qal li skiddjaw x’hin wiehed ikun gej minn B’Kara, skiddjaw fil-kisra.

Qal li kien l-imputat li kien qed isuq. Qal ukoll li fid-daqqa wegga' geddumu, kellu s-suturi. Qal li kellu l-hsieb li habtu ma' arblu.

In kontroezami qal li skiddjaw minhabba liwja.

Karl Vassallo qal li fil-karozza ta' l-imputat kien bil-qieghda wara l-passiggier, qal ukoll li kien qed isuq Andrew Spina u waqt li kienu ghaddejin minn Valley Road skiddjat il-karozza. Ma sofra ebda griehi.

Andreas Aquilina xehed li konsegwenza ta' l-incident kellu suturi f'idu, f'subghajh. Ilum konsegwenza ta' hekk ma kien ibati minn xejn.

Xehed anke l-imputat minn jeddu, spjega li kien qieghed isuq direzzjoni lejn l-Imsida ghaddej minn Triq il-Wied u lejn l-ahhar zewg kisriet tilef il-kontroll. Qal li hass il-karozza li ma kinitx qed tirrispondi, kien hemm skontu qisu tumbata fit-triq. Il-karozza kienet Paugeot 207 li kienet ilha barra sentejn (2). Ammetta li wegghu xi passiggieri tieghu fl-incident.

Baqa' jinsisti li l-vettura skiddjat, haditu l-karozza. Ghalkemm zied li kien gej minn tieg, qal li bhala drinks alkoholici ma hax izjed minn wiehed ghax kien hu d-'designated driver' mill-erbgha li kienu.

Ikkonsidrat

Illi certament f'dan l-incident stradali weggghu tnejn zgur mill-passiggiera, wiehed kellu suturi f'geddumu u iehor f'subghajh. Dawn igibu zgur konsegwenzi ta' griehi ta' natura gravi. Dan gie rifless fic-certifikati medici esebiti.

Andrew Spina huwa akkuzat b'reat ta' natura nvolontarja u cioe talli b'nuqqas ta' hsieb u traskuragni u b'nuqqas ta' osservanza ghar-regolamenti tat-traffiku kkaguna dan l-incident bhala sewwieq u konsegwenza ta' hekk il-griehi rizultanti fuq shabu.

Irrizulta wkoll mix-xhieda prodotta, shabu, illi dan skiddja. Ma tressqet ebda prova la ta' xorb eccessiv, cioe li kien qed isuq taht influwenza ta' xorb jew speed eccessiv. Tfakkar il-Qorti li l-pulizija lanqas sketch ta' dan l-incident ma ghamlet.

Illi ghalhekk, ghalkemm il-Qorti tista' tkun konvinta fuq bazi tal-probabbli li setgha kien hemm xi forma ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku bhal per ezempju "speed" eccessiv li ghalhekk ikkaguna lill-imputat jitlef il-kontroll, pero' ebda prova ta' dan ma ngabet sal-grad li trid il-ligi penali biex tigi sodisfatta l-akkuza u ghalhekk qeghda tillibera lil Andrew Spina mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------